Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 30 ta' Mejju 2018**
**(OR. en)**

**9317/18**
**ADD 2**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0193 (COD)**

**PECHE 177**
**CODEC 850**
**IA 157**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 30 ta' Mejju 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2018) 279 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontrolli tas-sajd |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2018) 279 final.

---

Mehmuż: SWD(2018) 279 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2018
SWD(2018) 279 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontrolli tas-sajd**

{COM(2018) 368 final} - {SEC(2018) 267 final} - {SWD(2018) 280 final}

MT MT

# SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

| **Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv** |
|---|
| Valutazzjoni tal-impatt dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontrolli tas-sajd |
| **A. Il-ħtieġa li tittieħed azzjoni** |
| **Għalfejn? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?** Massimu ta' 11-il linja |
| Is-sistema ta' kontroll tas-sajd li titħaddem bħalissa fl-UE tfasslet qabel ma ġiet riformata l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u, għalhekk, **mhix koerenti** magħha. Nuqqas ta' azzjoni f'dan ir-rigward ikun ta' xkiel serju għall-konformità mal-PKS u għall-issodisfar tal-objettivi ta' din. Barra minn hekk, is-sistema **m'għadhiex xierqa għall-ġurnata tal-lum,** hekk kif fil-parti l-kbira tagħha għadha bbażata fuq il-karti. Minħabba f'hekk, hi nieqsa mill-effikaċja u mill-effiċjenza, hekk kif ġie rikonoxxut b'mod ġenerali u enfasizzat mill-erba' Istituzzjonijiet Ewropej (il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Qorti tal-Awdituri), li lkoll indikaw li hemm bżonn li l-qafas jiġi rivedut. L-eżerċizzju REFIT imwettaq mill-Kummissjoni identifika l-fatturi ewlenin sottostanti li ġejjin: a) Nuqqas ta' miżuri għall-kontroll tad-dispożizzjonijiet tal-PKS riformata, nuqqas ta' sinerġiji ma' politiki oħra; b) Kumplessità tal-qafas leġiżlattiv u ambigwità tad-dispożizzjonijiet legali; c) Dispożizzjonijiet inadegwati għal data dwar is-sajd; d) Regoli ta' infurzar mhux deterrenti biżżejjed. Il-partijiet ikkonċernati affettwati mill-inizjattiva huma: operaturi tas-sajd, awtoritajiet pubbliċi fl-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd. |
| **X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?** Massimu ta' 8 linji |
| L-objettivi ewlenin ta' din l-inizjattiva huma li s-sistema ta' kontroll tas-sajd tal-Unjoni ssir aktar effikaċi u effiċjenti u tiżgura konformità sħiħa mal-PKS riformata u l-issodisfar tal-objettivi ta' din.<br>L-objettivi speċifiċi huma li: 1) Jitneħħew il-lakuni mal-PKS u ma' politiki oħra tal-UE; 2) Jiġi ssimplifikat il-qafas leġiżlattiv u jitnaqqas il-piż amministrattiv żejjed; 3) Jittejbu d-disponibbiltà, l-affidabilità u l-kompletezza tad-data u tal-informazzjoni dwar is-sajd, b'mod partikolari tad-data dwar il-qabdiet, u l-abilitazzjoni tal-iskambju u tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni; u 4) Jitneħħew l-ostakli li jxekklu l-iżvilupp ta' kultura ta' konformità u t-trattament ekwitabbli tal-operaturi fl-Istati Membri u bejniethom. |
| **X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?** Massimu ta' 7 linji |
| Il-PKS u l-kontroll tagħha huma qasam ta' kompetenza esklużiva tal-UE skont l-Artikolu 3(d) tat-Trattat. L-azzjoni fil-livell tal-UE hi meħtieġa mill-Istituzzjonijiet Ewropej u ferm appoġġjata mill-partijiet ikkonċernati, li jinkludu l-Istati Membri, peress li din iżżid il-valur meta mqabbla mal-approċċi nazzjonali diversifikati li jista' jkun hemm billi tiżgura qafas ta' kontroll armonizzat tad-dispożizzjonijiet tal-PKS, billi tikkontribwixxi għal kundizzjonijiet ekwi bejn is-sajjieda tal-UE u, finalment, billi tippromwovi kultura ta' konformità madwar l-UE kollha. |
| **B. Soluzzjonijiet** |
| **Liema huma l-alternattivi leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi li ġew ikkunsidrati? Teżisti xi għażla ppreferuta, jew le? Għalfejn?** Massimu ta' 14-il linja |
| Tliet għażliet politiċi ġew analizzati permezz tal-proċess ta' Valutazzjoni tal-Impatt: (0) Il-Linja Bażi; (1) Emendi mmirati tar-Regolament dwar il-Kontroll tas-Sajd; (2) Emendi mmirati tas-Sistema ta' Kontroll tas-Sajd (b'mod partikolari r-Regolamenti dwar: il-Kontroll tas-Sajd, is-Sajd Illegali, Mhux Irrappurtat u Mhux Irregolat u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd). L-għażla 2 turi prestazzjoni ġenerali ferm imtejba meta mqabbla mal-għażliet l-oħra u hi dik ippreferuta. Din l-għażla |

| |
|---|
| tkun: 1) Tiżgura koerenza mal-PKS riformata; 2) Tiżgura sistema ta' kontroll li tibqa' valida għall-futur; 3) Tissimplifika l-qafas leġiżlattiv u tnaqqas il-piż amministrattiv żejjed; 4) Iżżid il-kultura ta' konformità mal-PKS; 5) Tiżgura trattament indaqs tal-operaturi; 6) Ittejjeb il-kwalità, l-iskambju u l-qsim ta' data dwar is-sajd; 7) Ittejjeb id-data xjentifika għall-valutazzjoni tal-istokkijiet; 8) Iżżid is-sinerġiji ma' politiki oħra; 9) Iżżid il-kompetittività tal-industrija Ewropea; 10) Iżżid b'aktar mid-doppju kull euro investit fil-kontroll bħala dħul għall-ekonomija tal-UE; 11) Iżżid il-ħolqien ta' impjiegi ġodda fl-ICT; 12) Tkattar l-investimenti f'teknoloġiji ġodda filwaqt li tiffranka EUR 157 miljun fuq perjodu ta' ħames snin meta mqabbla mal-linja bażi; 13) Tirriżulta f'titjib aktar veloċi tal-istatus tal-istokkijiet u, b'hekk, fi profittabilità akbar tal-bastimenti kkonċernati u f'pagi ogħla għas-sajjieda. |
| **Liema għażla u min jappoġġaha?** Massimu ta' 7 linji |
| Il-maġġoranza vasta tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati, li jinkludu l-Istati Membri, taw appoġġ qawwi jew urew preferenza favur l-Għażla 2. L-ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati ma kienet favur ebda tibdil fil-politika (il-linja bażi). |
| **C. L-impatti tal-għażla preferuta** |
| **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla preferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?** Massimu ta' 12-il linja |
| L-impatti ambjentali pożittivi jkunu jinkludu: tnaqqis tas-sajd eċċessiv, eliminazzjoni tal-iskartar fil-baħar, stokkijiet ta' ħut aktar b'saħħithom u kontroll xieraq taż-żoni protetti tal-baħar.<br>Il-benefiċċji soċjoekonomiċi ewlenin jinkludu: pagi u kompetittività msaħħa tal-industrija tas-sajd, speċjalment għall-flotta ż-żgħira; promozzjoni tal-ħolqien tax-xogħol (speċjalment fl-ICT); konformità mtejba mal-PKS u trattament indaqs tas-sajjieda. Barra minn hekk, l-għażla preferuta hi mistennija tissimplifika u tnaqqas b'mod drastiku l-piż amministrattiv tas-sistema kurrenti, bl-iffrankar tal-ispejjeż stmat għal EUR 157 miljun tul 5 snin meta mqabbla mal-linja bażi. Ta' min jinnota li filwaqt li wħud mill-ispejjeż iffrankati jistgħu jiġu monetizzati, oħrajn ġew identifikati iżda ma kienx possibbli li jiġu kkwantifikati. |
| **X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla preferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?** Massimu ta' 12-il linja |
| L-ispejjeż ikunu "proporzjonati" għall-benefiċċji miksuba (speċjalment fid-dawl tal-iffrankar tal-ispejjeż) u kosteffiċjenti, b'benefiċċji konsiderevoli li jisbqu t-tibdiliet relattivament modesti fl-ispejjeż. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jkunu jibbenefikaw ukoll mill-iffrankar tal-ispejjeż skont din l-għażla permezz ta' simplifikazzjoni u ta' interoperabbiltà. L-ispejjeż tal-konformità se jikkonċernaw il-monitoraġġ tal-kapaċità tas-sajd (EUR 5.1 miljun għan-negozji, parzjalment ikkumpensati minn EUR 4.2 miljun fi spejjeż iffrankati għall-awtoritajiet) u l-kontroll tal-obbligu ta' ħatt l-art (investimenti ta' EUR 7.2 miljun). L-investimenti totali fl-ICT ikunu jammontaw għal EUR 134.6 miljun fuq 5 snin, iżda jkunu kkumpensati f'parti minnhom mill-iffrankar tal-ispejjeż rikorrenti ta' EUR 127.3 miljun tul l-istess perjodu.<br>Ma hu mistenni jseħħ ebda impatt soċjali jew ambjentali negattiv minħabba l-għażla preferuta. |
| **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?** Massimu ta' 8 linji |
| Ikun hemm spejjeż minimi għan-negozji, li jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), filwaqt li l-istess negozji jkunu l-benefiċjarji ta' benefiċċji ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Barra minn hekk, kwalunkwe piż addizzjonali għal operaturi żgħar (sajjieda fuq skala żgħira) se jiġi evitat bl-introduzzjoni ta' sistemi ta' rapportar faċli u kosteffiċjenti għad-data dwar is-sajd, bl-isfruttar ta' teknoloġiji tal-mowbajls affordabbli u ferm mifruxa. Dawn is-sistemi jkunu eliġibbli għal finanzjament mill-FEMS ukoll. Barra minn hekk, l-introduzzjoni ta' ICT ġodda se tagħti spinta lill-innovazzjoni u tipprovdi twieqi ġodda għall-ħolqien tax-xogħol għall-SMEs u għan-negozji ġodda. |
| **Ser ikun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits nazzjonali u l-amministrazzjonijiet?** Massimu ta' 4 linji |
| L-Istati Membri jkollhom bżonn jiżviluppaw soluzzjonijiet tal-ICT biex ilestu d-diġitalizzazzjoni tas- |

| |
|---|
| sistemi ta' data dwar is-sajd u jimmaniġġjaw il-fluss tad-data l-ġdid (l-ispejjeż huma rimborżabbli permezz tal-FEMS) u biex jimplimentaw is-sistema diġitali l-ġdida għall-prodotti importati tas-sajd minn pajjiżi terzi (ċertifikat elettroniku tal-qabdiet). |
| **Ser ikun hemm xi impatti sinifikanti oħrajn?** Massimu ta' 6 linji |
| Sajjieda mhux kummerċjali ġeneralment ikunu soġġetti għal regoli aktar stretti minn dawk tal-lum, hekk kif b'mod partikolari jkunu meħtieġa jirrapportaw il-qabdiet. Iċ-ċittadini se jibbenefikaw minn informazzjoni aħjar u aktar affidabbli dwar il-prodotti tas-sajd u minn sigurtà mtejba tal-provvisti tal-frott tal-baħar. |
| **D. Segwitu** |
| **Meta se tiġi riveduta l-politika?** Massimu ta' 4 linji |
| Ir-Regolament li hemm fis-seħħ bħalissa dwar il-Kontroll tas-Sajd diġà jipprevedi li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tiegħu kull 5 snin, fuq il-bażi tar-rapporti sottomessi mill-Istati Membri. Din ir-regola se tinżamm. |